## 21 ta' Marzu, 1988

## Imħallef: –

## Onor. Carmelo Scicluna LL.D.

Gaetano Grech *noe*

*versus*

Francis Borg

## Relazzjoni Ġuridika – Soċjetà

*L-attur fittex għall-ħlas ta' prezz ta' biljetti ta' l-ajru. Ingħatat l-eċċezzjoni li r-relazzjoni kienet saret ma' soċjetà u mhux mal-konvenut.*

*Minn analiżi tax-xiehda u evalwazzjoni tal-provi u kredibilità tax-xhieda, il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi r-relazzjoni kienet mal-konvenut u mhux ma' soċjetà u konsegwentement laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi huwa biegħ u kkonsenja lill-konvenut diversi biljetti ta' l-ajru, kif jidher mill-prospett anness maċ-ċitazzjoni bħala dokument "A"; illi għal dawn il-biljetti l-konvenut kellu jħallas il-prezz ta' Lm5,807.35ċ0 wara li sarlu *"discount"* ta' 5%; illi minn dan l-ammont il-konvenut ħallas is-somma ta' Lm3110.00ċ0, u għalhekk għad baqagħlu jħallas il-bilanċ ta' Lm2,697.35ċ0; u peress li fil-fehma ta' l-attur *nomine,* il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti

kontra t-talba għall-ħlas ta' *l-ammont fuq imsemmi*; talab li din il-Qorti (1) *tiddeċidi skond* it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' elfejn sitt mija u sebgħa u disgħin lira u ħamsa u *tletin* ċenteżmu (Lm2,697.35*ċ0) għar-raġunijiet premessi*. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, *li* biha qal (1) illi d-domanda attriċi *għandha tiġi miċħuda*, peress li hija infondata fid-dritt u fil-fatt *stante* illi preliminarjament in-negozju li sar bejn is-soċjetà attriżi kien ma' *Oilfield Supplies and Services Limited* (qabel it-28-2-1987 *Masons Supplies and Services Limited)* u mhux ma' Francis Borg personalment; (2) fit-tieni lok u mingħajr *preġudizzju*, il-kawża hija intempestiva; u (3) fit-tielet lok, il-kreditu għad irid jiġi finalizzat u jridu jiġu mèħuda in konsiderazzjoni krediti dovuti lill-konvenut;

Semgħet *il-provi prodotti; u ttrattat* il-kawża skond il-proċedura ordinarja;

Rat id-dokumenti esibiti, kif ukoll l-atti l-oħrajn kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

*Illi* m'hemmx dubju li *stante* l-verżjoni differenti mogħtija miż-żewġ xhieda msemmija, is-soluzzjoni tal-kwistjoni timpermja ruħha fuq valutazzjoni tad-deposizzjonijiet mogħtija. F'tali valutazzjoni għandha tiġi mogħtija *importanza* għan-natura tal-

fatti allegati biex wieħed japprezza sewwa l-valur tad-deposizzjonijiet, u dan il-valur jonqos u jista' jispiċċa fix-xejn meta l-fatti allegati ma jkunux probabbli jew verosimili. Issa, kieku r-relazzjoni ġuridika kellha, u kienet intiża li, tkun bejn iż-żewġ soċjetajiet imsemmija, m'huwiex probabbli li l-*"invoices"* kollha jinħarġu fuq isem il-konvenut personalment u mingħajr ebda kwalifika tar-rappresentanza fih investita u mingħajr qatt ebda protest da parti tal-konvenut. Il-konvenut jidher li jifhem sewwa l-konsegwenza ta' din id-differenza fl-intestazzjoni ta' l-*"invoices"* u l-konsegwenzi tagħha, tant li kif ġie mħarrek mill-ewwel issolleva l-importanza tagħha; u kwindi mhux probabbli li huwa dejjem aċċetta li l-*"invoices"* jinħarġu fuqu personalment u mhux fuq il-kumpanija tiegħu u kieku n-negozju kien intiż li jkun bejn iż-żewġ kumpaniji. Mill-banda l-oħra huwa veru li l-attur, ossija Vincent Busuttil, bħala *manager* tas-soċjetà attriċi, ra l-isem tal-kumpanija *"Masons Oilfields Supplies Limited"* indikat fl-uffiċċju fejn kien jaħdem il-konvenut, iżda mill-komportament tiegħu kellu jidher li ried jagħti aktar affidament lill-konvenut personalment u dan ta' l-aħħar aċċetta dak l-istat ta' fatt. Forsi wieħed jista' jipprospetta li l-fatt li l-konvenut darba ħallas b'*cheque* fuq il-kont tas-soċjetà *"Masons Supplies and Services Limited"* imissu ta' x'jifhem lill-attur *nomine* li l-konvenut kien qed jaġixxi f'isem il-kumpanija u mhux f'ismu. Però apparti l-fatt li l-ammont hekk imħallas kien relattivament insinifikanti a paragun ta' l-ammont kollu mħallas akkont matul il-ġestjoni tan-negozju bejn iż-żewġ partijiet, ċjoè Lm3110 (imħallas akkont tas-somma totali ta' ċirka sitt elef lira), kif insibu fl-*"iStevens Elements of Mercantile Law" (13 Ed. p. 160) "As the doctrine of constructive notice does not extend to ordinary commercial transactions, a person dealing with an agent in the honest belief that he is the principal is not effected by mere notice of facts which might on inquiry lead to*

*the discovery of the existence of a principal*". Jiġi osservat ukoll li skond in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut stess l-isem tal-kumpanija tal-konvenut ġie mibdul minn "*Masons Supplies and Services Limited*" għal "*Oilfield Supplies and Services Limited*", u l-konvenut ma informa qatt lill-attur b'din il-bidla, u dan juri li ma kienx probabbli li n-negozju kien qed isir bejn iż-żewġ soċjetajiet kummerċjali, għalkemm jidher li l-bidla saret viċin il-preżentata taċ-ċitazzjoni;

Fl-aħħarnett ix-xhud prodott mill-attur jagħti kategorikament li n-negozju kien qed isir mal-konvenut personalment u mhux bħala rappresentat ta' xi kumpanija, u din il-versjonijiet hija iżjed konformi mal-fatti u l-proċeduri kif avveraw ruħhom fil-fatt;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut eċċepixxa wkoll l-intempestività ta' l-azzjoni, peress li bejn il-partijiet kien hemm ftehim li l-konvenut ikollu xahrejn żmien biex iħallas – ċirkostanza din ta' l-aħħar li m'hemmx kuntrast fuqha. Issa, dwar din l-eċċezzjoni jiġi osservat, fl-ewwel lok hemm biss l-aħħar żewġ konsenji li l-prezz tagħhom ġie mitlub qabel il-waqt, u ċjoè dawk tas-16 ta' Jannar u ta' l-14 ta' Frar, 1987, għas-somma komplessiva ta' Lm213 b'nuqqas ta' 5% "*discount*", (iċ-ċitazzjoni saret fit-3 ta' Marzu, 1987); u fit-tieni lok it-terminu konċess għall-pagament għalaq fil-pendenza tal-kawża, u ssir applikabbli t-teorija tal-"*jus superveniens*" (ara Vol. XXXVIII.I.435). Għalhekk, m'huwiex il-każ li l-konvenut jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju anki dwar dawn iż-żewġ partiti imma *se mai* l-kwistjoni tinfluwixxi biss, f'dan il-każ, fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Ikkunsidrat:

Illi l-mertu tat-tielet eċċezzjoni l-lum ġie eżawrit bid-dikjarazzjoni tal-partijiet li tinsab verbalizzata a folio 17 tal-proċess, u ċjoè fejn qablu li "l-ammont tavolta dovut hu ta' Lm2,613.35ċ0;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut; u invece tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma fuq imsemmija ta' elfejn sitt mija u tlettax-il lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm2,613.35ċ0), u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess attur *nomine* din is-somma, bl-imgħax legali;

L-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal tnax minn kull tlettax-il parti mill-konvenut, u l-kumplament mill-attur *nomine*.